

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 448/2009

tat-28 ta' Mejju 2009

**li jistipula perċentwali ta' aċċettazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-esportazzjoni, li jirrifjuta applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni u li jissospendi t-tressiq tal-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni għal zokkor 'il barra mill-kwota**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċ ma' pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7e flimkien mal-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 61, l-ewwel subparagrafu, il-punt (d), tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, iz-zokkor prodott matul is-sena tas-suq u bi qbiż tal-kwota msemmija fl-Artikolu 56 ta' dak ir-Regolament jista' jiġi esportat biss fil-limitu kwantitattiv stipulat mill-Kummissjoni.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 274/2009 tat-2 ta' April 2009 li jiffissa l-limitu kwantitattiv għall-esportazzjonijiet taz-zokkor u l-isoglukożju lil hinn mill-kwota sa tmiem is-sena tas-suq 2009/2010 <sup>(3)</sup> jistipula l-limiti msemmija hawn fuq. Dan ir-Regolament japplika biss mill-1 ta' Ottubru 2009 u għalhekk il-limitu kwantitattiv għall-esportazzjonijiet taz-zokkor u l-isoglukożju 'il barra mill-kwota sa tmiem is-sena tas-suq 2009/2010 ser jibda jgħodd biss minn din id-data.

- (3) Għas-sena tas-suq 2009/2010 għandu għalhekk jiġi stipulat perċentwali ta' aċċettazzjoni ta' zero għall-kwantitajiet li l-applikazzjoni għalihom saret bejn it-18 ta' Mejju 2009 u t-22 ta' Mejju 2009 u t-tressiq tal-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor għandu jieqaf. Għas-sena tas-suq 2009/2010 l-applikazzjonijiet kollha għal liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor li tressqu fil-25, 26, 27, 28 u 29 ta' Mejju 2009 għandhom għalhekk jiġu rrifjutati.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

1. Għas-sena tas-suq 2009/2010 l-liċenzji tal-esportazzjoni 'il barra mill-kwota taz-zokkor li l-applikazzjonijiet għalihom tressqu bejn it-18 ta' Mejju 2009 u t-22 ta' Mejju 2009, għandhom jinħarġulhom il-liċenzji għall-kwantitajiet mitluba, multiplikati b'perċentwali ta' aċċettazzjoni ta' 0 %.
2. Għas-sena tas-suq 2009/2010 l-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor 'il barra mill-kwota li tressqu fil-25, 26, 27, 28 u 29 ta' Mejju 2009 qiegħdin jiġu rrifjutati.
3. Għas-sena tas-suq 2009/2010 t-tressiq tal-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor 'il barra mill-kwota għandu jieqaf għall-perjodu bejn 1 ta' Ġunju 2009 u t-30 ta' Settembru 2009.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Mejju 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.

<sup>(3)</sup> ĠU L 91, 3.4.2009, p. 16.